**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

**Proġett ġdid parzjalment iffinanzjat mill-UE implimentat mill-NCPE**
***VS/2010/0819 L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika***

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) bħalissa qed timplimenta proġett ġdid parzjalment iffinanzjat mill-UE bl-isem *VS/2010/0819 L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika*. Dan il-proġett, li hu ko-finanzjat mill-PROGRESS (2007-2013), hu mifrux fuq sena u nofs u immirat għal min iħejji u jimplimenta l-*policies*, għal dawk il-partijiet interessati u l-pubbliku inġenerali. Il-proġett għandu l-għan li jqajjem għarfien dwar il-ħtieġa tal-inteġrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-*policies* nazzjonali u jorbot dawn mal-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa għall-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

Dan il-proġett ifittex li jistabbilixxi *network* ta' persuni fi ħdan il-Ministeri nazzjonali li għandhom is-setgħa li jimplimentaw l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod effettiv. Il-proġett se jipprovdi taħriġ fuq il-post tax-xogħol għal uffiċjali pubbliċi fil-Ministeri u se jieħu vantaġġ mill-għarfien u l-esperjenza tagħhom biex it-taħriġ jiżvolġi aħjar.

Tul il-perjodu ta' dan il-proġett, se jsiru bosta attivitajiet li se jibdew b'Simpożju dwar Prattiċi Tajbin fl-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Parti sostanzjali tal-proġett tinvolvi riċerka, li se tkun tinkludi żewġ studji u analiżi tal-impatt tal-ġeneru f'erba' *policies*. Iż-żewġ studji se jsiru ma' impjegati pubbliċi u ma' partijiet interessati f'dak li għandu x'jaqsam ma' tħejjija ta' *policies* u mal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

Dan il-proġett se jipprovdi wkoll numru ta' għodod, li jinkludu Lista Prattika dwar l-integrazzjoni tal-principju tal-ugwaljanza bejn is-sessi għal proġetti infrastrutturali; gwida pass-pass għal metodi ta' assessjar dwar l-impatt tal-ġeneru; Lista Prattika dwar l-analiżi tal-impatt tal-ġeneru fl-Azzjoni Governattiva; u *factsheet* dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

Għal aktar tagħrif, ġentilment agħmel kuntatt mal-NCPE fuq equality@gov.mt jew 2590 3850.

**It-Tlieta 29 ta' Marzu, 2011**

Dan il-proġett qed isir bl-appoġġ tal-Komunita` Ewropea
Programm għal Impiegi u Solidarjeta` Soċjali mmexxi mid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni Ewropea.
PROGRESS (2007-2013)

L-informazzjoni f'dan id-dokument mhux neċessarjament trirrifletti l-opinjoni jew il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Id-document jirrifletti l-opinjoni ta' l-awtur, u il-Kummissjoni m'hijiex responsabbli għal użu li jista' jsir minn din l-informazzjoni.